# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar 2001**

**Numru 25**

**Citaz. numru 1473/93 DS**

Noel Ellul bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha s-socjeta` Ignazio Anastasi Limited, u b'nota tal-11 ta' Ottubru 1994 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon assuma l-atti ghan-nom tas-socjeta` attrici minflok Noel Ellul, u b'nota tal-15 ta'"Marzu 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta` Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta` estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Ignazio Anastasi Limited assuma l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.

vs

James Gollcher u Karl Gollcher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Gollcher Company Limited, agenti Malta tas-socjeta` estera Excel Shipping Ltd., trasportaturi tal-merkanzija de qua, u l-istess socjeta` Gollcher Company Limited bhala operatrici tar-Ricasoli Bonded Stores, u b'nota ta' l-1 ta' Dicembru 1993 Michael Chetcuti assuma l-atti ta' din il-kawza fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju specjali ghan-

nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Gollcher Company Limited, agenti Malta tas-socjeta` estera Excel Shipping Limited u l-istess socjeta` bhala operatrici ta’ Bond privat Ricasoli

Illum, 28 ta’ Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-28 ta’ Ottubru 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta’ Ignazio Anastasi Limited importat mill-Ingilterra erbatax (14) il-carton ta’ chamois leathers, dusters, cotton stockinette u car sponges li gew trasportati mis-socjeta’ estera Excel Shipping Ltd., tghabbew fuq il-vapur NORASIA PEARL li telaq minn Felixstowe lejn Malta (Dok. 1)

Illi malli l-bastiment wasal Malta fid-29 ta’ Marzu 1993, (Dok.2), il-merkanzija tqeghdet fil-private bond li s-socjeta’ konvenuta ghandha f’Ricasoli;

Illi meta l-importatur mar jirtira l-merkanzija mill-imsemmija bonded stores, irrizultalu li xi cartons kienu miftuha u danneggjati b’parti mill-kontenut nieqes, kif jirrizulta mis-Schedule tal-Information form tal-Institute of London Underwriters anness u markat Dok. 3.

Illi ghan-nuqqas li garrab l-importatur, is-socjeta’ assikuratrici, kif obbligata, hallset is-somma ta’ hames mija wiehed u tmenin lira hamsa u sittin centezmu (Lm581.65) li minhom hamsa u tletin lira (Lm35) kienu survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok. 4 u 5 );

Illi s-socjeta’ konvenuta, f’wahda jew l-ohra mill-funzjonijiet taghha, hija responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta, f’wahda jew l-ohra mill-funzjonijiet jew kwalitajiet taghha, responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit; u

2. tikkundannahom nomine li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' hames mija wiehed u tmenin lira hamsa u sittin centezmu (Lm581.65c) inkluzi hamsa u tletin lira (Lm35) bhala survey fees, in linea ta'danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine bl-interessi legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni u fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti nomine li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi in kwantu t-talbiet attrici huma diretti kontra s-socjeta' Gollcher Company Limited, agenti Malta tas-socjeta' Excel Shipping Limited jigi rilevat li mhuwiex car jekk l-attur qed iharrek lil Gollcher Company Limited qua agent di proprio jew bhala agent ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Excel Shipping Limited.

(a) F'kaz li l-kawza qed tigi proposta kontra l-agent Gollcher Company Limited, jigi eccepit li l-agent ma kellu l-ebda funzjoni fil-garr tal-merkanzija u ghalhekk ma ghandux relazzjoni giuridika mal-attur nomine

(b) F'kaz li l-kawza qed tigi proposta fil-konfront tas-socjeta' estera' Excel Shipping Limited jigi eccepit:

(a) Illi l-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-hsarat jew nuqqasijiet allegati.

(ii) minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilita li tista' tigi stabbilita fil-konfront tat-trasportatur hija limitata skond il-polza u skond il-ligi.

2. Illi in kwantu it-talbiet attrici huma diretti kontra s-socjeta Gollcher Company Limited bhala operatrici tal-Bond privat f'Ricasoli, jigi eccepit:

(i) Illi l-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-hsarat jew nuqqasijiet allegati.

(ii) Minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilita li tista' tigi stabbilita fil-konfront tieghu hija wkoll limitata skond il-polza u skond il-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Marzu 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fl-4 ta' Ottubru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda nuqqasijiet f'konsenja *chamois leathers, dusters, cotton stockinette* u *car sponges* li s-socjeta` Ignazio Anastasi Ltd. importat f'Malta fuq il-vapur NORASIA PEARL f'Marzu 1993. Min-*notice of arrival form* (Dok. 2 a fol. 7) jirrizulta li l-vapur wasal Malta fid-29 ta' Marzu 1993. Il-konsenja kienet kontenuta f'erbatax-il *carton* trasportati gewwa *groupage container* (ara xiehda tal-fizzjal tad-dwana Patrick Azzopardi moghtija fil-25 ta' Novembru 1994, ta'Claire Bernard, *marine claims manager* mas-socjeta` attrici, moghtija fil-15 ta' Frar 1995, u ta' l-ufficjal principali tad-dwana Joseph Sghendo moghtija fl-4 ta' Marzu 1996).

Il-perit legali qal li m'hemmx dubju li meta l-oggetti gew ikkonsenjati lis-socjeta` importatrici kien hemm zewg kaxex neqsin u dan jidher minn dak li qal l-uniku xhud li ressqu l-konvenuti. Jekk dan hu minnu s-socjeta` konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli bhala l-agenti tas-socjeta` trasportatrici. Huwa kompla jghid, pero` li skond ix-xiehda tal-fizzjali tad-dwana jidher li meta l-kaxex iddahhlu l-istores kienu erbatax ghalkemm b'xi nuqqasijiet. Hu x'xinhu l-kaz l-azzjoni attrici hija sostnuta mill-provi u jirrizulta li s-socjeta` Anastasi sofriet id-danni li gew rimborzati mis-socjeta` attrici. Qal ukoll li mill-kuntratt relattiv li ghalih irrefera l-konvenut ma hemm l-ebda klawzola li tezonerah mir-responsabbilta`; anzi skond id-Dok. PFS esebit mill-konvenuti wiehed jinnota li d-*delivery note* ffirmata mis-socjeta` konvenuta tindika car li rcevew zewg kaxex neqsin.

Il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-perit legali. Jigi osservat l-ewwelnett li meta sar id-*destuffing* tal-*container* fl-1 ta' April 1993 u l-merkanzija in kwistjoni ddahhlet fil-*bond* tas-socjeta` konvenuta f'Ricasoli, ma jirrizulta li gie osservat l-ebda nuqqas. Il-fizzjal tad-dwana Patrick Azzopardi esebixxa bhala Dok. PA l-formula tad-dwana numru 1c li hija manifest tal-*groupage*. F'dan id-dokument hemm elenkata l-merkanzija li kien jikkontjeni l-*container* numru SEAU 803077-2. Dwar il-konsenja in kwistjoni fil-kolonna desinjata *tally remarks* hemm biss ir-referenza DE465570 (id-*duty entry form* li kopja giet esebita mill-istess xhud bhala Dok. PA1). Ma tirrizulta l-ebda rimarka dwar il-kondizzjoni ta' din il-merkanzija (fl-istess dokument dwar merkanzija ta' socjeta` ohra gie ndikat li kien hemm kartuna miftuha). Il-kumplament ta' Dok. PA ma jikkontjeni l-ebda rimarka dwar il-merkanzija in kwistjoni. Anke s-sigilli rrizultaw intatti. L-unika konkluzjoni li tista' tigi dedotta hija ghalhekk li l-merkanzija mertu ta' din il-kawza dahlet fil-*bonded stores* intatta.

Huwa veru li d-*delivery note* (Dok. PFS) li ghaliha ghamel riferenza l-perit legali jindika li *"2 pkts chamois short recvd"*. Izda din il-frazi ma tistax tigi interpretata li ntbaghtu zewg kaxex neqsin mill-Ingilterra kif tenna x-xhud Peter Fleri Soler. Dan huwa kontradett mid-dokument ufficjali fuq imsemmi Dok. PA u sahansitra mid-dokumenti l-ohra esebiti mill-fizzjali tad-dwana. Mid-Dok. PA1 jirrizulta (*a retro)* li fit-13 ta' April 1993 gew rilaxxati erbatax-il kartuna u li kien hemm zewg kartuniet li kellhom xi nuqqasijiet. Sahansitra mill-*claim* li sar mis-socjeta` importatrici ma tirrizulta l-ebda allegazzjoni li kien hemm zewg kartuniet neqsin. L-uniku mod kif tista' tigi interpretata l-frazi fuq imsemmija hu li mill-konsenja ta' erbatax-il kartuna kien hemm zewg kartuniet li kellhom xi nuqqasijiet; dan wara kollox jikkorrispondi ma' l-informazzjoni li tirrizulta mid-Dok. PA1.

Ghalhekk huwa evidenti li n-nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija kienet tinsab fil-*bonded stores* tas-socjeta` konvenuta li ghalhekk hi responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-kwalita` taghha ta' operatrici tar-Ricasoli Bonded Stores. Il-*claim* li kienet ghamlet is-socjeta` importatrici kienet dwar nuqqasijiet minn erba' kartuniet u mhux biss minn tnejn u dan peress li, kif xehed Mark Anastasi, *managing director* ta' dik is-socjeta`, joqoghdu fuq id-dokumenti tad-dwana pero` mbaghad jaghmlu c-*checking* taghhom u minn tali *checking*, apparti n-nuqqasijiet registrati mid-dwana fil-kartuniet numri "1" u "4" sabu xi nuqqasijiet zghar mill-kartuniet numri "2" u "9". Billi ma jirrizulta minn imkien li dawn l-ahhar zewg kartuniet gew rilaxxati danneggjati, il-Qorti ma jidhrilhiex li tista' takkorda l-valur tan-nuqqasijiet minnhom peress li dawn setghu gew

*short-shipped* u setghu naqsu waqt li qed jigu trasportati lis-socjeta` importatrici. Ghalhekk mill-ammont ta' Lm546.65 li thallas ghall-merkanzija nieqsa, irid jonqos il-valur ta' 12-il *twin pack yellow duster* (Lm2.58) u ta' 14-il *cotton stockinette* (Lm5.50), total ta' Lm8.08, li jhalli bilanc ta' Lm538.57.

Is-*survey fees* huma dovuti peress li kienu necessitati biex jigu determinati c-cirkostanzi u l-valur tal-merkanzija nieqsa. Ghaldaqstant is-socjeta` attrici ghandha tithallas b'kollox Lm538.57 + Lm35 = Lm573.57.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` Gollcher Company Ltd. bhala operatrici tar-Ricasoli Bonded Stores u tillibera lill-istess socjeta` konvenuta fil-kwalitajiet l-ohra indikati mill-osservanza tal-gudizzju, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li s-socjeta` konvenuta bhala operatrici tar-Ricasoli Bonded Stores hija responsabbli ghan-nuqqas fuq riferit, u
(2) tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta f'dik il-kwalita` thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm573.57 in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta Gollcher Company Ltd. bhala operatrici tar-Ricasoli Bonded Stores.

Onor Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur